5.1.2. Trajettorji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2

5.1.2.1. Imbagħad, għal kull sottogrupp *sg* ta' vetturi u perjodu ta' rapportar ta' sena *Y*, għandhom jiġu ddefiniti t-trajettorji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 li ġejjin:

$$ET_{sg,Y} = RET_{sg,Y} \times rCO_{2sg}$$

$$ETp_{sg,Y} = RETp_{sg,Y} \times rCO_2p_{sg}$$

$ETz_{sg,Y} = ZET_{sg,Y} \times rCO_{2sg}$

5.1.2.2. Għal kull manifattur u perjodu ta' rapportar ta' sena *Y* bejn l-2019 u l-2024, għandhom jiġu ddefiniti t-trajettorji li ġejjin ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2:

$ET(2025)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times ET_{sg,Y}$

5.1.2.3. Għal kull manifattur u perjodu ta' rapportar ta' sena *Y* bejn l-2025 u l-2040, għandhom jiġu ddefiniti t-trajettorji li ġejjin ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2:

$ET(NO)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times ET_{sg,Y}$

$ET(MCO_2)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times [(1- pv_{sg}) \times ET_{sg,Y} + pv_{sg} \times ETp_{sg,Y}]$

$ET(MZE)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times ETz_{sg,Y}$

$ET(M)_Y = ET(MCO_2)_Y + ET(MZE)_Y$

Fejn,

$\sum_{sg}$	hija s-somma fuq dawk is-sottogruppi li huma inklużi fil-kalkolu tat-trajettorja partikolari tal-emissjonijiet tas-CO_2 skont il-punt 4.2;
$share_{sg}$	huwa s-sehem ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fis-sottogrupp sg, kif determinat fil-punt 2.4;
MPW_{sg}	hija kif determinata fil-punt 2.6;
rCO_{2sg}	hija kif determinata fil-punt 3.1.2;
rCO_2p_{sg}	hija kif determinata fil-punt 3.1.2;
pv_{sg}	huwa s-sehem ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fi ħdan is-sottogrupp *sg*, li skont l-Artikolu 7b għandu jitqies fl-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi primarji tagħhom fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-punt 2.2

5.2. Kalkolu tal-krediti u tad-djun tal-emissjonijiet f'kull perjodu ta' rapportar

Għal kull manifattur u għal kull perjodu ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2040, il-krediti tal-emissjonijiet $cCO_2(X)_Y$ u d-djun tal-emissjonijiet $dCO_2(X)_Y$, *(X = NO, M),* għandhom ikunu l-massimu tal-valuri li ġejjin u 0 (jiġifieri l-krediti u d-djun tal-emissjonijiet ma jistgħux ikunu negattivi):

	2019 ≤ Y< 2025	**2025 ≤ Y< 2030**	**2030 ≤ Y< 2040**
$cCO_2(NO)_Y$	$[ET(2025)_Y - CO_2(2025)_Y] \times V_y$	$[ET(NO)_Y - CO_2(NO)_Y] \times V_y$	$[ET(NO)_Y - CO_2(NO)_Y] \times V_y$
$dCO_2(NO)_Y$	*0*	$[CO_2(2025)_Y - T(2025)_Y] \times V_y$	$[CO_2(NO)_Y - T(NO)_Y] \times V_y$
$cCO_2(M)_Y$	**0**	$[ET(M)_Y - CO_2(M)_Y] \times V_y$	$[ET(M)_Y - CO_2(M)_Y] \times V_y$
$dCO_2(M)_Y$	**0**	**0**	$[CO_2(M)_Y - T(M)_Y] \times V_y$

Fejn,

$ET(X)_Y$ hija t-trajettorja tal-emissjonijiet tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y determinata f'konformità mal-punt 5.1 *(X = 2025, NO, M);*

$CO_2(X)_Y$ hija l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y determinati f'konformità mal-punt 2.7 *(X = 2025, NO, M)*;

$T(X)_Y$ hija l-mira speċifika tal-emissjonijiet tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y determinata f'konformità mal-punt 4 *(X = 2025, NO, M)*;

V_Y huwa n-numru ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y.

5.3. Limitu tad-djun tal-emissjonijiet

Għal kull manifattur, il-limiti tad-djun tal-emissjonijiet $limCO_2(X)_Y$ f'perjodu ta' rapportar tas-sena *Y* huma definiti kif ġej:

$limCO_2(NO)_Y = T(2025)_Y \times 0{,}05 \times V(2025)_Y$ għall-perjodi ta' rapportar tas-sena Y < 2030;

$limCO_2(NO)_Y = T(NO)_Y \times 0{,}05 \times V(NO)_Y$ għall-perjodi ta' rapportar tas-sena Y ≥ 2030;

$limCO_2(M)_Y = T(M)_Y \times 0{,}05 \times V(M)_Y$ għall-perjodi ta' rapportar tas-sena Y ≥ 2030;

Fejn

$T(X)_Y$ hija l-mira speċifika tal-emissjonijiet tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y determinata f'konformità mal-punt 4 *(X = 2025, NO, M)*;

$V(X)_Y$ huwa n-numru ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fil-***perjodu ta' rapportar tas***-sena Y fis-sottogruppi ta' vetturi, li huma inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2, $CO_2(X)$ skont il-punt 4.2 *(X = 2025, NO, M)*.

5.4. Krediti ta’ emissjonijiet bikrija

Id-djun tal-emissjonijiet miksubin ***għall-perjodi ta’ rapportar tas***-sena 2025 għandhom jitnaqqsu b’ammont li jikkorrispondi għall-krediti tal-emissjonijiet miksubin qabel ***dan il-perjodu ta’ rapportar***, li huma determinati għal kull manifattur kif ġej:

$$redCO_2 = min(dCO_2(NO)_{2025}; \sum_{Y=2019}^{2024} cCO_2(NO)_Y)$$

Fejn,

min	huwa l-minimu taż-żewġ valuri msemmijin bejn il-parentesi;
$\sum_{Y=2019}^{2024}$	hija s-somma tul il-***perjodi ta’ rapportar tas-snin Y mill***-2019 sal-2024;
$dCO_2(NO)_Y$	hija d-djun tal-emissjonijiet għall-***perjodu ta’ rapportar tas-sena*** Y kif determinati f’konformità mal-punt 5.2;
$cCO_2(NO)_Y$	hija l-krediti tal-emissjonijiet għall-***perjodu ta’ rapportar tas***-sena Y kif determinati f’konformità mal-punt 5.2;.

6. DETERMINAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI TAS-CO_2 TA’ MANIFATTUR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)

Għal kull manifattur u għal kull ***perjodu ta’ rapportar*** tas-sena Y mis-***sena*** 2025 ’il quddiem, il-valur tal-emissjonijiet eċċessivi speċifiċi tas-CO_2 tal-kategoriji ta’ vetturi $exeCO_2(X)_Y$ għandu jiġi ddeterminat kif ġej, jekk il-valur ikun pożittiv (X = NO, M). Jekk il-kalkoli li ġejjin jirriżultaw f’valur negattiv għal $exeCO_2(X)_Y$, dan tal-aħħar għandu jiġi ssettjat għal 0.

Għall-*perjodu ta' rapportar* tas-sena 2025:

$$exeCO_2(NO)_{2025} = dCO_2(NO)_{2025} - \sum_{Y=2019}^{2024} cCO_2(NO)_Y - limCO_2(NO)_{2025}$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2026 sal-2028, mill-2030 sal-2033 u mill-2035 sal-2038:

$$exeCO_2(NO)_y = \sum_{I=2025}^{Y} (dCO_2(NO)_I - cCO_2(NO)_I) - \sum_{J=2025}^{Y-1} exeCO_2(NO)_J - redCO_2 - limCO_2(NO)_Y$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2030 sal-2033 u mill-2035 sal-2038:

$$exeCO_2(M)_y = \sum_{I=2025}^{Y} (dCO_2(M)_I - cCO_2(M)_I) - \sum_{J=2030}^{Y-1} exeCO_2(M)_J - limCO_2(M)_Y$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-snin Y = 2029, 2034 u 2039:

$$exeCO_2(NO)_Y = \sum_{I=2025}^{Y} (dCO_2(NO)_I - cCO_2(NO)_I) - \sum_{J=2025}^{Y-1} exeCO_2(NO)_J - redCO_2$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-snin Y = 2034 u 2039:

$$exeCO_2(M)_Y = \sum_{I=2025}^{Y} (dCO_2(M)_I - cCO_2(M)_I) - \sum_{J=2030}^{Y-1} exeCO_2(M)_J$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-sena 2040:

$$exeCO_2(NO)_{2040} = (CO_2(NO)_{2040} - T(NO)_{2040}) \times V_{2040} + \sum_{I=2025}^{2039} (dCO_2(NO)_I - cCO_2(NO)_I) - \sum_{J=2025}^{2039} exeCO_2(NO)_J - redCO$$

$$exeCO_2(M)_{2040} = (CO_2(M)_{2040} - T(M)_{2040}) \times V_{2040} + \sum_{I=2025}^{2039} (dCO_2(M)_I - cCO_2(M)_I) - \sum_{J=2030}^{2039} exeCO_2(M)_J$$

Għall-perjodi ta' rapportar tas-snin Y > 2040:

$$exeCO_2(NO)_Y = (CO_2(NO)_Y - T(NO)_Y) \times V_Y$$

$$exeCO_2(M)_Y = (CO_2(M)_Y - T(M)_Y) \times V_Y$$

Fejn,

$\sum_{Y=2019}^{2024}$	hija s-somma tul il-***perjodi ta' rapportar tas-snin Y mill***-2019 sal-2024;
$\sum_{I=2025}^{Y}$	hija s-somma tul il-***perjodi ta' rapportar tas-snin I mill***-2025 sas-sena Y;
$\sum_{J=2025}^{Y-1}$	hija s-somma tul il-*perjodi ta' rapportar tas-snin J mill*-2025 *sas-sena (Y-1);*
$\sum_{I=2025}^{2039}$	hija s-somma tul il-*perjodi ta' rapportar tas-snin I mill-2025 sal-2039*;
$\sum_{J=2030}^{Y-1}$	hija s-somma tul il-perjodi ta' rapportar tas-snin J mill-2030 sas-sena (Y-1);

$dCO_2(X)_Y$	hija d-djun tal-emissjonijiet għall-*perjodu ta' rapportar tas*-sena Y kif determinati f'konformità mal-punt 5.2 (X = NO, M);
$cCO_2(X)_Y$	hija l-krediti tal-emissjonijiet għall-*perjodu ta' rapportar tas*-sena Y kif determinati f'konformità mal-punt 5.2 (X = NO, M);
$limCO_2(X)_Y$	hija l-limitu tad-djun tal-emissjonijiet kif determinat f'konformità mal-punt 5.3 (X = NO, M);
$redCO_2(X)$	hija t-tnaqqis tad-djun tal-emissjonijiet tal-*perjodu ta' rapportar tas*-sena 2025 kif determinat f'konformità mal-punt 5.4 (X = NO, M).

Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-valur tal-emissjonijiet eċċessivi $exeCO_2(X)_Y$ għandu jiġi ssettjat għal 0 (X = NO, M).

L-emissjonijiet eċċessivi tas-CO_2 tal-perjodu ta' rapportar tas-sena Y kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) għandhom ikunu:

$$exeCO_{2Y} = exeCO_2(NO)_Y + exeCO_2(M)_Y$$

ANNESS II

Proċeduri ta' aġġustament kif imsemmijin fl-Artikolu 11

1. AĠĠUSTAMENT TAL-EMISSJONIJIET TA' REFERENZA TAS-CO_2 WARA EMENDA GĦALL-PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 11(2)

Wara emenda għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 11(2), l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO_2 imsemmijin fil-punt 3.1.2 tal-Anness I għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid**.**

Għal dan l-għan, l-emissjonijiet tas-CO_2 fi g/km ta' vetturi heavy-duty ġodda *v* tal-perjodu ta' referenza u tal-vetturi primarji tagħhom determinati għal profil tal-missjoni *mp*, kif imsemmi fil-punt 2.1 tal-Anness I, għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

$$CO_{2v,mp} = CO_2(RP)_{v,mp} \cdot (\sum_r s_{r,sg} \cdot CO_{2r,mp}) / (\sum_r s_{r,sg} \cdot CO_2(RP)_{r,mp})$$

$$CO_2p_{v,mp} = CO_2p(RP)_{v,mp} \cdot (\sum_r s_{r,sg} \cdot CO_2p_{r,mp}) / (\sum_r s_{r,sg} \cdot CO_2p(RP)_{r,mp})$$

Fejn

$\sum_r$ hija s-somma fuq il-vetturi rappreżentattivi kollha *r* għas-sottogrupp *sg*;

sg huwa s-sottogrupp li għalih tappartjeni l-vettura *v*;

$s_{r,sg}$ huwa l-piż statistiku tal-vettura rappreżentattiva *r* fis-sottogrupp *sg;*

$CO_2(RP)_{v,mp}$ hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura *v* fi g/km, kif determinati fuq il-profil tal-missjoni *mp* u fuq il-bażi tad-*data* ta' monitoraġġ tal-perjodu ta' referenza;

$CO_2(RP)_{r,mp}$ hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura rappreżentattiva *r* fi g/km, kif determinati fuq il-profil tal-missjoni *mp* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu kif ġie applikat fil-perjodu ta' referenza;

$CO_{2r,mp}$ hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura rappreżentattiva *r*, kif determinati fuq il-profil tal-missjoni *mp* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu skont l-emendi msemmijin fl-Artikolu 11(3)(a);

$CO_2p(RP)_{v,mp}$ hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura primarja tal-vettura heavy-duty *v* fi g/km, kif determinati fuq il-profil tal-missjoni *mp* u fuq il-bażi tad-*data* ta' monitoraġġ tal-perjodu ta' referenza;

$CO_2p(RP)_{r,mp}$ hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura primarja tal-vettura rappreżentattiva *r* fi g/km, kif determinati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u

	mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu kif ġie applikat fil-perjodu ta' referenza;
$CO_2p_{r,mp}$	hija l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vettura primarja tal-vettura rappreżentattiva *r*, kif determinati fuq il-profil tal-missjoni *mp* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu skont l-emendi msemmijin fl-Artikolu 11(3)(a).

L-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 għandhom jiġu nnormalizzati skont l-Anness III bl-użu ta' dawk il-valuri għall-parametri msemmijin fl-Artikolu 14(1), il-punt (f), li jkunu applikabbli fil-perjodu ta' rapportar imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (a).

Il-vetturi rappreżentattivi għandhom jiġu ddefiniti f'konformità mal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 11(3).

2. APPLIKAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET TAS-CO_2 TA' REFERENZA AGĠUSTATI SKONT L-ARTIKOLU 11(2)

Jekk fil-perjodu ta' rapportar tas-sena Y, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 ta' xi vetturi heavy-duty ġodda ta' manifattur ikunu ġew iddeterminati bl-emendi msemmijin fl-Artikolu 11(2), l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO_2 rCO_{sg} tas-sottogrupp *sg* tal-vettura użati fil-punti 4 u 5.1 tal-Anness I għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

$$rCO_{2sg} = \sum_{,i} V_{sg,i}/V_{sg} \text{ x } rCO_{2sg,,i}$$

fejn:

$\sum_{,i}$ hija s-somma fuq

- għal i = 1: il-proċedura mhux emendata għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2, li għalihom huma applikabbli l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza inizjali mingħajr aġġustamenti u
- għal i ≥ 1: l-emendi sussegwenti kollha msemmijin fl-Artikolu 11(2).

V_{sg} huwa n-numru ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fil-perjodu ta' rapportar tas-sena *Y* u s-sottogrupp ta' vetturi *sg*;

$V_{sg,i}$ huwa n-numru ta' vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur fil-perjodu ta' rapportar tas-sena *Y* u fis-sottogrupp ta' vetturi sg, li l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tagħhom ġew iddeterminati bl-emenda *i*;

$rCO_{2sg,i}$ huma:

- għal i = 0: l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO_2 mhux aġġustati
- għal i ≥ 1: l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO_2 li ġew iddeterminati għas-sottogrupp ta' vetturi *sg* bl-emenda *i*.

ANNESS III

Normalizzazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 ta' vetturi heavy-duty ġodda msemmijin fl-Artikolu 4

1. NORMALIZZAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET SPEĊIFIĊI TAS-CO_2

Għall-finijiet tal-kalkolu fil-punt 2.1 tal-Anness I, il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 $CO2_{v,mp}$tal-vetturi huma normalizzati kif ġej:

$$CO2_{v,mp} = reportCO2_{v,mp} + \Delta CO2_{v,mp}(m) + \Delta CO2\text{cv}_{v,mp}$$

$m = PL_{sg,mp} - PL_{v,mp} + cCW_v$ (għall-vetturi tal-kategoriji N u O)

$m = PM_{sg,mp} - PM_{v,mp} + cCW_v$ (għall-vetturi tal-kategorija M)

Fejn

$CO2_{v,mp}$	huma l-emissjonijiet normalizzati tas-CO_2 tal-vettura *v* determinati għal profil tal-missjoni *mp* li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-Anness I il-punt 2.1;
$reportCO2_{v,mp}$	huma l-emissjonijiet tas-CO_2 fi g/km tal-vettura primarja ta' vettura heavy-duty ġdida *v* determinati għal profil tal-missjoni *mp* u rrapportati f'konformità mal-Artikoli 13a u 13b;
$\Delta CO2_{v,mp}(m)$	għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt 3;
$\Delta CO2\text{cv}_{v,mp}$	għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt 4;
$PL_{v,mp}$	hija t-tagħbija utli tal-vettura *v* fil-profil tal-missjoni *mp*, kif determinata mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;
$PL_{sg,mp}$	hija t-tagħbija utli għas-sottogrupp *sg* u għall-profil tal-missjoni *mp* kif prevista fil-punt 2.5 tal-Anness I;
$PM_{v,mp}$	hija l-massa tal-passiġġieri tal-vettura *v* fil-profil tal-missjoni *mp*, kif determinata mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;
$PM_{sg,mp}$	hija l-massa tal-passiġġieri għas-sottogrupp *sg* u għall-profil tal-missjoni *mp* kif prevista fil-punt 2.5 tal-Anness I;
cCW_v	hija l-korrezzjoni tal-piż tal-vettura sħiħa bit-tank mimli *v* skont il-punt 2.

2. NORMALIZZAZZJONI TAL-PIŻ TAL-VETTURA SHIĦA BIT-TANK MIMLI

Peress li l-utilità tat-trasport ta' vettura tiżdied mat-tagħbija utli massima jew man-numru ta' passiġġieri massimu teknikament permissibbli tagħha, iżda għal raġunijiet tekniċi, valuri ogħla għal dawn il-parametri huma korrelati ma' piżijiet aktar baxxi tal-vettura sħiħa bit-tank mimli u, għalhekk, ma' emissjonijiet ogħla tas-CO_2, għandha tiġi applikata l-korrezzjoni li ġejja tal-piż tal-karozza sħiħa bit-tank mimli ta' vettura *v* fis-sottogrupp *sg* għall-fini tan-normalizzazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tagħha skont il-punt 1:

$cCW_v = a_{sg} \cdot (maxPL_{sg} - maxPL_v)$ għall-vetturi tal-kategoriji N u O;

$cCW_v = a_{sg} \cdot (maxPN_{sg} - maxPN_v)$ għall-vetturi tal-kategorija M;

Fejn

a_{sg} hija koeffiċjent lineari ddeterminat skont il-punt 2.1 għall-perjodu ta' rapportar tal-vettura *v*;

$maxPL_v$ hija t-tagħbija utli massima teknikament permissibbli tal-vettura *v* kif determinata mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;

$maxPN_v$ hija n-numru massimu teknikament permissibbli ta' passiġġieri tal-vettura *v* kif determinat mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;

$maxPL_{sg}$ hija t-tagħbija massima teknikament permissibbli tas-sottogrupp *sg* tal-vettura determinata skont il-punt 2.5 tal-Anness I;

$maxPN_{sg}$ huwa n-numru massimu ta' passiġġieri teknikament permissibbli tas-sottogrupp *sg* tal-vetturi determinat skont il-punt 2.5 tal-Anness I.

2.1. Determinazzjoni tal-parametri tan-normalizzazzjoni

Għal kull perjodu ta' rapportar, il-parametri a_{sg} u b_{sg} għandhom jiġu ddeterminati b'analiżi ta' rigressjoni lineari tal-korrelazzjoni tal-valuri ta' CW_v mal-valuri ta' $maxPL_v$ (vetturi tal-kategoriji N u O) u ta' $maxPN_v$ (vetturi tal-kategorija M), meta jitqiesu l-vetturi reġistrati ġodda kollha *v* fis-sottogrupp *sg*:

$CW_v \approx a_{sg} \cdot maxPL_v + b_{sg}$ għall-vetturi tal-kategoriji N u O;

$CW_v \approx a_{sg} \cdot maxPN_v + b_{sg}$ għall-vetturi tal-kategorija M.

Fejn

CW_v huwa l-piż tal-vettura sħiħa bit-tank mimli *v* kif determinat mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b; jekk ma jkun hemm disponibbli l-ebda valur preċiż, dan ikun jista' jiġi approssimat mill-massa attwali kkoreġuta tal-vettura *v*

$maxPL_v$ hija t-tagħbija utli massima teknikament permissibbli tal-vettura *v* kif determinata mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;

$maxPN_v$ huwa n-numru massimu teknikament permissibbli ta' passiġġieri tal-vettura *v* kif determinat mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;.

3. BIDLA FL-EMISSJONIJIET TAS-CO_2 GĦAL BIDLA FIL-MASSA TOTALI TAL-VETTURA

Il-bidla *ex post* tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' vettura *v* li għandha tiġi ddeterminata għal profil tal-missjoni *mp* minħabba bidla *ex post* fil-massa totali li għandha tiġi attribwita għall-vettura għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 hija definita mill-approssimazzjoni lineari li ġejja:

$$\Delta CO2_{v,mp}(m) = \text{m} \cdot (CO2_{v,r} - CO2_{v,l}) / (\text{Mr} - \text{Ml})$$

Fejn:

m	hija l-bidla tal-massa totali attribwita għall-vettura *v* għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 tagħha;
$CO2_{v,r}$	huma l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vettura *v* fi g/km, mingħajr il-bidla fil-massa, determinati għall-istess profil tal-missjoni *mp*, kundizzjonijiet ta' tagħbija rappreżentattiva;
$CO2_{v,l}$	huma l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vettura *v* fi g/km, mingħajr il-bidla fil-massa, determinati għall-istess profil tal-missjoni *mp*, kundizzjonijiet ta' tagħbija baxxa;
Mr	hija l-massa totali tal-vettura f'simulazzjoni, mingħajr il-bidla fil-massa, għall-istess profil tal-missjoni *mp*, kundizzjonijiet ta' tagħbija rappreżentattiva;
Ml	hija l-massa totali tal-vettura f'simulazzjoni, mingħajr il-bidla fil-massa, għall-istess profil tal-missjoni *mp*, kundizzjonijiet ta' tagħbija baxxa.

4. NORMALIZZAZZJONI GĦAL VOLUMI DIFFERENTI TA' MERKANZIJA

Il-vetturi tal-kategorija O fl-istess sottogrupp għandhom volumi ta' merkanzija differenti. Peress li l-utilità tat-trasport ta' vettura tiżdied mal-volum tal-merkanzija, iżda għal raġunijiet tekniċi din iż-żieda hija wkoll korrelatata ma' emissjonijiet ogħla tas-CO_2, għandha tiġi applikata l-korrezzjoni li ġejja tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' vettura *v* fis-sottogrupp *sg*:

$$\Delta CO2\text{cv}_{v,mp} = a_{sg,mp} \cdot (CV_{sg} - CV_v)$$

Fejn

$a_{sg,mp}$	huwa koeffiċjent lineari ddeterminat skont il-punt 4.1 għall-perjodu ta' rapportar tal-vettura *v*;
CV_v	huwa l-volum tal-merkanzija tal-vettura *v* kif determinat mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;
CV_{sg}	huwa l-volum tal-merkanzija tas-sottogrupp tal-vetturi *sg* determinat skont il-punt 2.5 tal-Anness I.

Għall-vettura tal-kategoriji N u M, il-korrezzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 $\Delta CO2\text{cv}_{v,mp}$ għandha tkun ta' 0.

4.1. Determinazzjoni tal-parametri tan-normalizzazzjoni

Għal kull perjodu ta' rapportar u profil tal-missjoni, il-parametri $a_{sg,mp}$ u $b_{sg,mp}$ għandhom jiġu ddeterminati b'analiżi ta' rigressjoni lineari tal-korrelazzjoni tal-valuri ta' [$reportCO2_{v,mp} + \Delta CO2_{v,mp}(m)$] mal-valuri ta' CV_v, meta jitqiesu l-vetturi rreġistrati ġodda kollha *v* fis-sottogrupp *sg*:

$$reportCO2_{v,mp} + \Delta CO2_{v,mp}(m) \approx a_{sg,mp} \cdot CV_v + b_{sg,mp}$$

Fejn

CV_v huwa l-volum tal-merkanzija tal-vettura *v* kif determinat mid-*data* rrapportata skont l-Artikoli 13a u 13b;

$reportCO2_{v,mp}$, $\Delta CO2_{v,mp}(m)$ huma kif definiti fil-punt 1.”

ANNESS II

"ANNESS IV

Regoli dwar id-*data* li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata kif imsemmi fl-Artikoli 13a u 13b

PARTI A: *DATA* LI GĦANDHA TIĠI MMONITORJATA U RRAPPORTATA MILL-ISTATI MEMBRI

(a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi heavy-duty ġodda kollha kif imsemmijin fl-Artikolu 2 li huma rreġistrati fit-territorju tal-Istat Membru;
(b) isem il-manifattur;
(c) id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur);
(d) il-kodiċi għall-karozzerija kif speċifikat fl-entrata 38 taċ-ċertifikat ta' konformità, inklużi, meta applikabbli, iċ-ċifri supplimentari msemmijin fl-Anness I, l-Appendiċi 2, tar-Regolament (UE) 2018/858;
(e) fil-każ tal-vetturi heavy-duty imsemmijin fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) jew (b), l-informazzjoni dwar l-impjant tal-enerġija speċifikata fl-entrati 23, 23.1 u 26 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(f) il-veloċità massima tal-vettura kif speċifikata fl-entrata 29 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(g) l-istadju tat-tlestija, kif indikat fil-mudell magħżul taċ-ċertifikat ta' konformità f'konformità mal-Anness VIII, il-punt 2, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683;
(h) il-kategorija tal-vettura kif speċifikat fl-entrata 0.4 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(i) in-numru ta' fusien, kif speċifikat fl-entrata 1 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(j) il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli, kif speċifikata fl-entrata 16.1 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(k) it-timbru tal-hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur kif speċifikat fl-entrata 49.1 taċ-ċertifikat ta' konformità; għall-vetturi reġistrati sat-30 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw biss l-ewwel tmien karattri tal-hash kriptografika;
(l) l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 kif speċifikati fl-entrata 49.5 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(m) il-valur medju tat-tagħbija utli kif speċifikat fl-entrata 49.6 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(n) id-data tar-reġistrazzjoni;
(o) għall-vetturi bi skop speċjali, id-dežinjazzjoni tagħhom kif speċifikata fl-entrata 51 taċ-ċertifikat ta' konformità;
(p) għall-vetturi approvati skont l-Artikolu 2(3)(b) tar-Regolament (UE) 2018/858, l-informazzjoni li l-vettura kienet iddisinjata u mibnija jew adattata għall-użu mis-servizzi tat-tifi tan-nar tal-protezzjoni ċivili u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

(q) għall-vetturi rreġistrati għall-użu mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar jew mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-użu mis-servizzi armati, il-konferma li l-vettura hija rreġistrata għall-użu mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar jew mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubblika jew għall-użu mis-servizzi armati u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5, ta' dan ir-Regolament. Għall-vetturi kollha inklużi l-vetturi approvati individwalment, l-informazzjoni

korrispondenti għandha tkun l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-UE jew fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-vettura individwali tal-UE jew fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali nazzjonali f'konformità mal-mudelli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683[1] irrispettivament minn kwalunkwe eżenzjoni nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

PARTI B: *DATA* LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORTATA MILL-MANIFATTURI U MINN ENTITAJIET OĦRAJN

F'konformità mal-Artikolu 13b, kull notifikatur għandu jirrapporta d-*data* li ġejja għal dawk il-vetturi, li għalihom huwa obbligat jipproduċi Fajl tar-Rekords tal-Manifattur (MRF) jew Fajl ta' Informazzjoni dwar il-Vettura (VIF) skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 2017/2400 (UE) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362[2].

Għall-vetturi msemmija fil-Parti A, il-punti (p) u (q) tal-Anness IV, il-manifattur imsemmi fl-Artikolu 7a għandu jinforma wkoll lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2(4) u (5), jekk il-vettura li kieku kienet tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3a, ma għandhomx jiġu eżentati minn dawk l-obbligi.

Kategoriji / sottogruppi tal-vetturi[3]	**Rapportaturi**			
	Manifattur tal-vettura primarja(1)	**Manifattur *interim* tal-vettura**(2)	**Manifattur tal-vettura**	**Servizz tekniku ddeżinjat**(8)
N / kollha	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	– MRF(4) – Informazzjoni addizzjonali*	Mhux applikabbli
M / kollha	– VIF(4) (5) – MRF(4) (6) – Informazzjoni addizzjonali* tal-vettura primarja.	Mhux applikabbli	– VIF(4) (7) – MRF(4) (7) – Informazzjoni addizzjonali* tal-vettura kompluta jew kompletata.	Mhux applikabbli
O / kollha	Mhux applikabbli	Mhux	– MRF(9)	– MRF(9)

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, ĠU L 163 26.5.2020, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni tat-trejlers tqal rigward l-influwenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO_2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-medda tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145).

[3]

		applikabbli	– Informazzjoni addizzjonali*	– Informazzjoni addizzjonali*

(1) L-Artikolu 3(29) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400.
(2) L-Artikolu 3(31) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(3) L-Artikolu 3(4a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(4) L-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(5) Il-punt 2.3 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(6) Il-punt 2.4 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(7) Il-punt 2.7.5 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
(8) L-Artikolu 8(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362
(9) L-Artikolu 8(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362

***Informazzjoni Addizzjonali:**

Le	Parametru tal-monitoraġġ	Sors	Applikabbli għall-vetturi
15	Id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur)		Kollha
24	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-trażmissjoni	Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
25	Id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-trażmissjoni	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
32	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-fus	Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
33	Id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tal-fus)	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
39	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-tajers	Il-punt 1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
40	Id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-tajers)	Il-punt 3 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
72	In-numru tal-liċenzja għat-tħaddim tal-għodda ta' simulazzjoni		Kollha
75	L-emissjonijiet tal-massa tas-CO_2 tal-magna 'l fuq mid-WHTC (8) (g/kWh)	Il-punt 1.4.2 tal-addendum tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal-addendum tal-Appendiċi 7, tal-	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;

		Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	
76	Il-konsum ta' fjuwil tal-magna 'l fuq mid-WHTC (g/kWh)	Il-punt 1.4.2 tal-addendum tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal-addendum tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
77	L-emissjonijiet tal-massa tas-CO_2 tal-magna 'l fuq mid-WHSC (9) (g/kWh)	Il-punt 1.4.1 tal-addendum tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1 tal-addendum tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
78	Il-konsum ta' fjuwil tal-magna 'l fuq mid-WHSC (g/kWh)	Il-punt 1.4.1 tal-addendum tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1 tal-addendum tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
101	Għall-vetturi b'data tas-simulazzjoni mill-1 ta' Lulju 2020, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-magna	Il-punt 1.2.1. tal-addendum tal-Appendiċi 5, 6 jew 7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
102	Għall-vetturi b'data tas-simulazzjoni mill-1 ta' Lulju 2021, il-fajl comma separated values tal-istess isem bħall-job file u b'estensjoni.vsum li jinkludi r-riżultati aggregati għal kull profil tal-missjoni u kundizzjoni ta' tagħbija utli simulati	Fajl iġġenerat bl-għodda ta' simulazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2400 fil-verżjoni grafika tiegħu tal-interfaċċa tal-utent (GUI)	"sum exec data file"

PARTI C: VALUR TAR-REŻISTENZA TAL-ARJA (CDXA) FIRXIET TA' VALURI GĦALL-FINI TA' PUBBLIKAZZJONI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13c

Għall-fini li jkun pubblikament disponibbli l-valur CdxA speċifikat fl-entrata tad-*data* 23 f'konformità mal-Artikolu 13c, il-Kummissjoni għandha tuża l-firxiet ta' valuri definiti fit-tabella li ġejja li fiha l-firxa korrispondenti ta' valuri għal kull valur CdxA:

Firxa ta' valuri	**Valur CdxA [m2]**	
	CdxA min (CdxA ≥ CdxA min)	**CdxA mass (CdxA < CdxA mass)**
A1	0,00	3,00
A2	3,00	3,15
A3	3,15	3,31
A4	3,31	3,48
A5	3,48	3,65

A6	3,65	3,83
A7	3,83	4,02
A8	4,02	4,22
A9	4,22	4,43
A10	4,43	4,65
A11	4,65	4,88
A12	4,88	5,12
A13	5,12	5,38
A14	5,38	5,65
A15	5,65	5,93
A16	5,93	6,23
A17	6,23	6,54
A18	6,54	6,87
A19	6,87	7,21
A20	7,21	7,57
A21	7,57	7,95
A22	7,95	8,35
A23	8,35	8,77
A24	8,77	9,21

ANNESS V

Ir-rapportar u l-ġestjoni tad-*data* msemmija fl-Artikoli 13a sa 13c

1. RAPPORTAR MILL-ISTATI MEMBRI

1.1. Id-*data* speċifikata fil-Parti A tal-Anness IV għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 13a mill-punt ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti permezz tat-trasferiment elettroniku tad-*data* lill-Aġenzija.

Il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija meta d-*data* tiġi trażmesssa bil-posta elettronika fuq l-indirizzi li ġejjin:

EC-CO2-HDV-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu

u

HDV-monitoring@eea.europa.eu

2. RAPPORTAR MILL-MANIFATTURI

2.1. Il-manifatturi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-informazzjoni li ġejja:

(a) isem il-manifattur indikat fiċ-ċertifikat ta' konformità jew fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali;
(b) il-kodiċi tal-Identifikatur tal-Manifattur Dinji (il-kodiċi WMI) kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011[4] sabiex jintuża fin-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi ta' vetturi heavy-duty ġodda li se jitqiegħdu fis-suq;
(c) il-punt ta' kuntatt responsabbli għall-upload tad-*data* lill-Aġenzija.

Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bla dewmien dwar kwalunkwe tibdil f'dik l-informazzjoni.

In-notifiki għandhom jintbagħtu lill-indirizzi msemmija fil-punt 1.1.

2.2. Id-*data* speċifikata fil-Parti B, il-punt 2 tal-Anness I, għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 13b mill-punt ta' kuntatt tal-manifattur permezz tat-trasferiment elettroniku tad-*data* lill-Aġenzija.

---

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

Il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija meta d-*data* tiġi trażmesssa bil-posta elettronika lill-indirizzi msemmijin fil-punt 1.1.

3. IPPROĊESSAR TAD-*DATA*

3.1. L-Aġenzija għandha tipproċessa d-*data* trażmessa f'konformità mal-punti 1.1 u 2.2 u għandha tirreġistra d-*data* pproċessata fir-reġistru.

3.2. Id-*data* relatata ma' vetturi heavy-duty irreġistrati fil-perjodu ta' rapportar preċedenti u rreġistrata fir-reġistru għandha ssir pubblika sat-30 ta' April ta' kull sena, bl-eċċezzjoni tal-entrati tad-*data* li ġejjin:

3.2.1. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

3.2.2. l-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-trażmissjoni;

3.2.3. id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-trażmissjoni;

3.2.4. l-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-fusien;

3.2.5. id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tal-fusien;

3.2.6. l-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-tajers;

3.2.7. id-ditta (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-tajers;

3.2.8. il-mudell tal-magna;

3.2.9. il-mudell tat-trażmissjoni;

3.2.10. il-mudell tat-tardjatur;

3.2.11. il-mudell tal-konvertitur tat-torque;

3.2.12. il-mudell tal-angle drive;

3.2.13. il-mudell tal-fusien;

3.2.14. il-mudell tar-reżistenza tal-arja;

3.2.15. fajl comma separated values bl-istess isem bħall-job file u b'estensjoni.vsum li jinkludi r-riżultati aggregati għal kull profil tal-missjoni u kundizzjoni ta' tagħbija utli simulati.

3.3. Meta awtorità kompetenti jew il-manifatturi jidentifikaw żbalji fid-*data* sottomessa, dawn għandhom jinnotifikawhom mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija billi jissottomettu rapport ta' notifika ta' żball lill-Aġenzija u bil-posta elettronika mibgħuta fuq l-indirizzi msemmijin fil-punt 1.1.

3.4. Il-Kummissjoni għandha, bis-sostenn tal-Aġenzija, tivverifika l-iżbalji nnotifikati u, meta xieraq, tikkoreġi d-*data* fir-reġistru.

3.5. Il-Kummissjoni, bis-sostenn tal-Aġenzija, għandha tagħmel formats elettroniċi disponibbli għat-trażmissjonijiet tad-*data* msemmijin fil-punti 1.1 u 2.2 fiż-żmien dovut qabel l-iskadenzi għat-trażmissjoni.

ANNESS VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2018/956

Ir-Regolament (UE) 2018/956	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1(2)
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 13a
Artikolu 5	Artikolu 13b
Artikolu 6	Artikolu 13c
Artikolu 7	Artikolu 13d
Artikolu 8	Artikolu 13e
Artikolu 9	Artikolu 13f
Artikolu 10	-
Artikolu 11	Artikolu 14
Artikolu 12	Artikolu 16
Artikolu 13	Artikolu 17
Artikolu 14	-
Anness I	Anness IV
Anness II	Anness V"